

**DEĊIŻJONI SABIEX TINGĦALAQ IL-PROCĊEDURA TA' INVESTIGAZZJONI FORMALI WARA L-IRTIRAR MINN STAT MEMBRU****Għajnuna mill-Istat – Il-Polonja****(L-Artikoli minn 107 sa 109 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)****Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE – irtirar ta' notifika****Għajnuna mill-Istat SA.30340 (11/C) – LIP — PL — Fiat Powertrain Technologies Il-Polonja****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 12/08)

Il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) tat-TFUE, li bdiet fid-9 ta' Frar 2011 <sup>(1)</sup> rigward il-miżura li hemm referenza għaliha hawn fuq, fejn ġie reġistrat li l-Polonja rtirat in-notifika tagħha tas-16 ta' Settembru 2011 u se tnaqqas l-ammont għall-għajnuna, sabiex tirrispetta l-limiti u tissodisfa l-kondizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skont l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat <sup>(2)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU C 151, 21.5.2011, p. 5.

<sup>(2)</sup> ĠU L 214, 9.8.2008, p. 3.